

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jstabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**

COM(2011) 330 finali — 2011/0144 (COD)

(2012/C 24/25)

Relatur: **is-Sur SARRÓ IPARRAGUIRRE**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, nhar l-24 ta' Ġunju 2011 u nhar it-18 ta' Lulju 2011 rispettivament, iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jstabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran*

COM(2011) 330 finali – 2011/0144 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Ottubru 2011

Matul l-475 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2011 (seduta tas-26 ta' Ottubru 2011), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'129 vot favur, vot wieħed kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea u jirrikonoxxi l-isforz li qed jagħmlu kemm l-Istati Membri kif ukoll is-sajjieda biex iwettqu l-pjan ambizzjuż għall-irkupru tat-tonn tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Dan il-pjan qed iħalli l-frott, iżda l-implimentazzjoni tiegħu qed toħloq konsegwenzi soċjoekonomiċi kbar li għandhom jiġu kkunsidrati.

1.2 Sabiex ikun jista' jiġi osservat l-irkupru u jittieħdu l-aħjar miżuri ta' ġestjoni għall-futur, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jappoġġjaw ir-riċerka xjentifika applikata.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Il-Proposta għal Regolament li qed tippreżenta l-Kummissjoni hija emenda għar-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jstabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

2.2 Ir-Regolament (KE) Nru 302/2009 ġie adottat fis-6 ta' April 2009 bħala riżultat tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 08-05, imfassla fis-16-il laqgħa speċjali tagħha f'Novembru 2008. Dan ir-Regolament ħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1559/2007 tas-17 ta' Diċembru 2007, li kien stabbilixxa pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

2.3 Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2010, l-ICCAT approvat rakkomandazzjoni li timmodifika l-pjan għall-irkupru multiannwali eżistenti, bil-għan li jergħu jinbnew l-istokkijiet tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

2.4 Ir-rakkomandazzjoni tal-2010 terġa' tnaqqas il-Qabdiet Totali Permissibbli (TAC – Total Allowable Catch) u ssaħħaħ il-miżuri maħsubin biex inaqqsu l-kapaċità tas-sajd u biex isaħħu l-kontroll, speċjalment fir-rigward tat-trasferimenti u tal-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ.

2.5 L-għan ta' dawn il-miżuri hu li jiżguraw l-effikaċja tal-pjan u li sal-2022 tinkiseb il-bijomassa li toffri l-ogħla rendiment sostenibbli (BMSY – biomass corresponding to the maximum sustainable yield) bi probabbiltà ta' mill-inqas 60 %.

2.6 Ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT huma vinkolanti għall-partijiet kontraenti li ma sabu l-ebda oġġezzjoni għalihom. Bħala parti kontraenti tal-ICCAT sa mill-1997, l-Unjoni Ewropea għandha tapplika din ir-rakkomandazzjoni li għaliha ma sabet l-ebda oġġezzjoni.

2.7 Għaldaqstant, l-għan tal-Proposta għal Regolament huwa li tinkorpora r-rakkomandazzjoni msemmija tal-ICCAT fil-liġi tal-UE.

## 3. Tibdil

3.1 L-ewwel nett jinbidel l-għan tal-pjan għall-irkupru, li jrid jikseb il-BMSY bi probabbiltà ogħla minn 60 %, minflok 50 %.

3.2 Isir xi tibdil fid-definizzjonijiet: b'mod partikolari, id-definizzjonijiet ta' "bastiment awżiljarju" u "operazzjonijiet ta' trasferiment" jiġu estiżi, id-definizzjoni ta' "trobbija" tiġi ċċarata, u tiżdied id-definizzjoni ta' "Stat Membru responsabbli".

3.3 Il-Kapitolu II dwar l-“Opportunitajiet tas-sajd” jintroduċi l-obbligu li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-15 ta’ Settembru ta’ kull sena, il-pjan tas-sajd annwali provviżorju relatat mas-sena ta’ wara.

3.4 Rigward il-“Miżuri dwar il-kapaċità tas-sajd”, suġġett indrizzat fil-Kapitolu III, il-Proposta għal Regolament tippromponi kalendarju biex bejn l-2010 u l-2013 kull Stat Membru jaġġusta l-kapaċità tiegħu b’tali mod li fl-aħħar sena l-Istati Membri kollha jridu jkunu eliminaw 100 % tad-diskrepanza bejn il-kapaċità tas-sajd tagħhom u l-kapaċità tas-sajd tagħhom proporzjonata mal-kwota tagħhom, kemm għall-bastimenti tas-sajd kif ukoll għan-nases tat-tonn.

3.5 Fil-Kapitolu IV dwar il-“Miżuri tekniċi”, il-perjodu meta s-sajd bil-purse seine huwa projbit jiġi estiż b’xahar, jiġifieri mill-15 ta’ Ġunju sal-15 ta’ Mejju tas-sena ta’ wara.

3.6 Fil-Kapitolu V jsir xi tibdil fil-“Miżuri ta’ kontroll”, b’mod partikolari:

3.6.1 Il-Kummissjoni mhu ser taċċetta l-ebda inklużjoni retroattiva ta’ bastimenti tas-sajd jew bastimenti tal-qbid fil-listi li kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni 45 jum qabel jiftaħ l-istaġun tas-sajd.

3.6.2 Minbarra dak li tistipula s-sistema Komunitarja għall-kontroll tal-istandards tal-Politika Komuni tas-Sajd, fil-ktieb ta’ abbord (daily logbook) is-sidien tal-bastimenti tal-qbid tal-UE huma obbligati jdaħħlu l-informazzjoni inkluża fl-Anness II tal-Proposta għal Regolament, sabiex jiġi kkontrollat b’mod strett is-sajd għat-tonn.

3.6.3 L-operazzjonijiet konġunti tas-sajd flimkien ma’ partijiet kontraenti oħra mhumiex permessi.

3.6.4 L-artikolu dwar l-“Operazzjonijiet ta’ trasferiment” fir-Regolament Nru 302/2009 huwa sostitwit għalkollox b’test ġdid li jipproponi sistema aktar effettiva u ċara għall-kontroll ta’ dawn l-operazzjonijiet.

3.6.5 Jiġi sostitwit għalkollox ukoll l-artikolu dwar l-“Operazzjonijiet ta’ tqegħid fil-gaġeġ”.

3.6.6 Fl-artikolu dwar is-“Sistema ta’ Monitoraġġ tal-Bastimenti” (VMS – Vessel Monitoring System) jiżdied l-obbligu li l-bastimenti tas-sajd inklużi fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti tal-qbid awtorizzati li jistadu għat-tonn jibdeu jibagħtu d-data tal-VMS lill-ICCAT mill-inqas 15-il ġurnata qabel jiftaħ l-istaġun tas-sajd u jkomplu jagħmlu dan sa mill-inqas 15-il ġurnata wara li jagħlaq. Barra minn hekk, it-trasmissjoni tad-data m’għandhiex tiegħa meta l-bastimenti jkunu fil-port.

3.6.7 L-artikolu dwar “Ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta’ attivitajiet ta’ qbid fin-nases” jinbidel fis-sens li, minbarra li jiġu

kkomunikati biss il-qabdi bin-nases reġistrati fi tmiem kull operazzjoni ta’ sajd, għandhom jintbagħtu wkoll il-kwantitajiet stmati li jkun fadal fin-nassa.

3.6.8 Tiġi estiża wkoll “L-iskema tal-ICCAT dwar l-ispezzjoni internazzjonali konġunta” biex meta, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 15-il bastiment tas-sajd ta’ Stat Membru jkunu qed iwettqu attivitajiet tas-sajd għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, dak l-Istat Membru għandu jkollu, matul dan iż-żmien, bastiment ta’ spezzjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni jew jikkoopera ma’ Stat Membru ieħor jew parti kontraenti oħra sabiex jopera bastiment ta’ spezzjoni b’mod konġunt.

3.6.9 L-Artikolu 30, li jikkonċerna l-“Programm tal-osservatur nazzjonali”, jinbidel biex jestendi l-kopertura tal-osservaturi nazzjonali b’tali mod li jkunu koperti:

— 100 % tal-bastimenti attivi tal-qbid bil-purse seine b’tul ta’ 24 metru jew inqas fl-2011;

— 100 % tal-bastimenti attivi tal-qbid bil-purse seine b’tul ta’ 20 metru jew inqas fl-2012;

— 100 % tal-bastimenti tal-irmonk.

3.6.10 L-ewwel paragrafu tal-artikolu dwar il-“Programm reġjonali [fir-Regolament: ‘nazzjonali’] ta’ osservazzjoni ICCAT” jiġi sostitwit b’ieħor li jispeċifika li kull Stat Membru għandu jiżgura l-preżenza ta’ osservatur reġjonali tal-ICCAT fuq:

— il-bastimenti kollha tas-sajd bil-purse seine b’tul ta’ aktar minn 24 metru matul l-istaġun tas-sajd tal-2011;

— il-bastimenti kollha tas-sajd bil-purse seine b’tul ta’ aktar minn 20 metru matul l-istaġun tas-sajd tal-2012;

— il-bastimenti kollha tas-sajd bil-purse seine, irrispettivament mit-tul tagħhom, matul l-istaġun kollu tas-sajd mill-2013 ‘il quddiem.

3.6.10.1 Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine msemmin hawn fuq li ma jkollhomx osservatur reġjonali abbord mhux ser ikunu awtorizzati jistadu jew joperaw fis-sajd għat-tonn.

3.6.11 L-Artikolu 32 dwar l-“Access għar-reġistrazzjonijiet vidjo” huwa sostitwit kollu u fil-jiżdied punt ġdid li jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jevitaw kull bdil, editjar jew manipolazzjoni tar-reġistrazzjonijiet bil-vidjo oriġinali.

3.6.12 L-Artikolu 33a, artikolu ġdid intitolat “It-trasmissjoni tal-pjan ta’ spezzjoni tal-Unjoni lill-ICCAT”, jistabbilixxi li mhux aktar tard mill-15 ta’ Settembru ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjan ta’ spezzjoni tagħhom għas-sena ta’ wara lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjan ta’ spezzjoni tal-Unjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT għall-approvazzjoni tiegħu.

3.6.13 L-Artikolu 34(1), li jikkonċerna l-“Miżuri tas-suq”, huwa sostitwit b'wieħed ġdid li jipprojbixxi l-kummerċ domestiku, l-iżbark (landing), l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet, it-tqegħid fil-gaġeġ għat-tismen jew it-trobbija tat-tonn, l-esportazzjonijiet mill-ġdid u t-trażbord tat-tonn li ma jkunux akkumpanjati mid-dokumentazzjoni preċiża, kompleta u validata meħtieġa mir-Regolament preżenti. Barra minn dan, l-istess artikolu jestendi l-istess possibbiltajiet għal dawn l-azzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati wkoll mid-dokumentazzjoni meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn *Thunnus thynnus*.

3.6.14 Fl-aħħar nett, il-Proposta għal Regolament, fil-Kapitolu V dwar il-“Miżuri ta' kontroll”, tinkludi s-sostituzzjoni u l-bdil tal-annessi skont it-tibdil li sar fil-miżuri kollha.

#### 4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġja kull tibdil li sar fil-miżuri tekniċi u ta' kontroll u l-miżuri ġodda kollha li ddaħħlu, għaliex jemmen li dawn huma l-frott tal-esperjenza miksuba u li lkoll ser jgħinu biex jergġhu jinbnew l-istokkijiet tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, bil-għan li sal-2022 tinkiseb il-bijomassa li toffri l-ogħla rendiment sostenibbli (BMSY) bi probabbiltà ta' mill-inqas 60 %.

4.2 Għalhekk, il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapplika bl-aktar mod rigoruż dan ir-Regolament għall-Istati Membri u

l-partijiet kontraenti kollha li jwettqu attivitajiet tas-sajd għat-tonn jew tat-trobbija u t-tismen tat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4.3 Il-KESE jirrikonoxxi l-isforz li qed jagħmlu l-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-sajjieda fl-aħħar snin sabiex jadattaw il-flotot tagħhom għall-possibbiltajiet tas-sajd disponibbli u sabiex iwettqu l-pjan ambizzjuż għall-irkupru tat-tonn, bil-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi kollha li qed joħloq u li għandhom jiġu kkunsidrati.

4.4 Il-Kumitat jinnota b'sodisfazzjon li s-sagrifiċċji li saru qed iħallu l-frott, u li kemm ix-xjentisti kif ukoll is-sajjieda kkonċernati qed jaraw l-istokkijiet tat-tonn jirkupraw.

4.5 Il-Kumitat jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jappoġġjaw lill-istituti xjentifiċi nazzjonali bil-għan li dawn ikunu jistgħu jwettqu l-aħjar evalwazzjonijiet possibbli tal-istokkijiet tat-tonn u tal-effetti tal-pjan għall-irkupru tagħhom. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-osservatorju xjentifiku li jinvolti lill-amministrazzjonijiet, ix-xjentisti u l-operaturi tan-nases tat-tonn, kif ukoll l-inizjattivi privati żviluppati mill-intrapriżi u x-xjentisti biex itejbu l-għarfien dwar din l-ispeċi.

4.6 B'rabta mal-perjodi stabbiliti meta l-istaġun ikun magħluq għall-flotta tas-sajd bil-purse seine, il-KESE jemmen li l-proposti għall-bdil tal-perjodi attwali li ressqu x-xjentisti għandhom jiġu analizzati fil-fond sabiex din l-attività tkun tista' ssir aktar sostenibbli, kemm mil-lat ekonomiku, mil-lat soċjali kif ukoll minn dak ambjentali.

Brussell, 26 ta' Ottubru 2011.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON